

# *Dati importanti fl-istorja tal-Banda San Pietru fil-Ktajjen*

*Mario Fenech*

Għalkemm li l-Banda San Pietru fil-Ktajjen ma tirrakuntax xi storja twila li teħodna għal mijiet ta' snin bħal ma jagħmlu wħud mill-għaqdiet mużikali li nsibu fil-gżejjer Maltin, xorta waħda għandha dati mportanti fl-istorja tagħha li ġew magħġuna mal-istorja tar-raħal ta' Birżebbuġa u l-Knisja Parrokkjali l-ġdida li tinsab fiċ-ċentru ta' din il-lokalità.



***Birżebbuġa fl-antik***

Irid jingħad li r-raħal ta' Birżebbuġa kien ikun mfittex l-aktar bħala post ta' villeġġjatura waqt ix-xhur sħan tas-sajf. Birżebbuġa u l-inħawi tagħha kienu popolari l-iktar man-nies tal-Kottonera fejn dawn kienu ta' kull sena jikru xi post żgħir sabiex fih iqattgħu l-vaganzi tas-Sajf għall-kwiet u 'l bogħod mill-istorbju tal-ibliet u tat-tarzna. Barra minn hekk mal-bidu tas-seklu għoxrin, propju ftit wara li Birżebbuġa saret parroċċa fl-1913, fl-istess inħawi sar żvilupp kbir permezz tal-bini tat-*Torpedo Depot* f'Kalafrana, l-bini tal-mitjar militari fil-pjanura tar-raħal medjevali ta' Ħal Far u anke permezz tal-bini ta' ħażniet taż-żejt industrijali fl-inħawi magħrufa Ta' Nagħaġ mill-kumpanija *Shell.* Dan l-iżvilupp kollu wassal sabiex diversi nies minn diversi naħat ta' Malta marru joqgħodu Birżebbuġa sabiex ikunu qrib il-post tax-xogħol tagħhom minħabba li t-trasport ma kienx bħal tal-lum.



***Statwa tad-Duluri u Kurċifiss***

Dawn il-fatturi ressqu lejn Birżebbuġa drawwiet differenti fosthom dik li waqt il-festa titular tar-raħal ikun hemm il-ħoss tal-banda. Dan il-bżonn inħass ferm aktar meta l-parroċċa ta' Birżebbuga biddlet it-titular tagħha minn dak ta' Maria Adolorata għal dak ta' San Pietru fil-Ktajjen. Għaldaqstant fis-sena 1957 ġiet imwaqqfa l-Banda San Pietru fil-Ktajjen. Ta' interess li jingħad li din il-banda ġiet amalgamata mal-każin ta' futbol tal-lokal sabiex b'hekk kienet tagħmel użu mill-istess każin fil-Bajja s-Sabiħa.

It-tberik tal-Banda kien sar mill-Kappillan ta' dak iż-żmien Dun Ġużeppi Minuti nhar il-25 ta' Awwissu 1957 fil-Bajja s-Sabiħa. Dakinhar il-Banda kienet għamlet marċ u wara programm mużikali taħt id-direzzjoni tal-ewwel surmast tagħha Profs. Carlo Zammit. Ftit snin wara, propju fl-1960 kien ġie mżanżan standard ġdid irrakmat bid-deheb li kien inħadem mir-rakmista Elena Pizzuto mill-Ħamrun filwaqt li l-ġbir tiegħu sar minn fost il-membri u l-partitarji. Dan l-istandard

kien ġie mbierek mill-Isqof Mons. Emmanuele Galea nhar is-Sibt 6 ta' Awwissu tal-1960 propju hekk kif il-Banda San Pietru telgħet fuq iz-zuntier sabiex tesegwixxi l-programm mużikali ta' lejlet il-festa. Fl-istess sena wkoll Mro. Emmanuele Galea, li aktar tard serva bħala t-tieni surmast direttur tal-Banda San Pietru, ikkopona innu ġdid għall-Banda San Pietru.

Il-Banda San Pietru fil-Ktajjen bdiet tagħti s-sehem tagħha kemm fil-festa titular kif ukoll waqt okazzjonijiet oħrajn, iżda bħal kull Soċjetà li hija bażata fuq il-volontatjat għaddiet minn żmien diffiċli meta kellha tieqaf tiffunzjona bejn is-sena 1968 u l-1970.



***Il-President Carmelo Polidano jippreżenta tifkira lis-Surmast Carmelo Galea fil-preżenza ta' Emanuel Galea u Martin Zammit***

Kienet saret laqgħa ġenerali nhar il-21 ta' Marzu tas-sena 1970 fis-sede tal-Azzjoni Kattolika fejn is-Surgent Carmelo Polidano ġie maħtur bħala president ġdid. Is-Soċjetà bdiet taħdem mill-ġdid biex tkompli tagħti s-sehem tagħha fil-festa titular ta' San Pietru.

Nhar it-8 ta' Lulju 1972 is-Soċjetà bdiet tuża garaxx fi Triq San Edwardu bħala s-sede uffiċjali tagħha. Sena wara s-Socjetà kellha President ġdid li kien is-Sur Emmanuel Galea filwaqt li s-surmast direttur tal-Banda f'dak iż-żmien kien Mro. Carmelo Galea li kien prodott komplut tal-Banda, infatti hu kien ħareġ idoqq mal-Banda San Pietru fl-1960.

Meta ġiet indurata l-istatwa titulari ta' San Pietru din kienet inġiebet lura fil-lokalità ta' Birżebbuġa bil-baħar nhar is-Sibt 27 ta' Lulju 1974. Il-Banda San Pietru fil-Ktajjen kienet daqqet marċi brijużi biex takkumpanja l-istatwa sakemm din iddaħlet lura fil-knisja.

Dawn li semmejt huma ftit mill-ħafna dati li baqgħu jissemmew fl-istorja ta' din is-Soċjetà mużikali. Hemm aktar dati oħrajn, li dwar dawn nikteb fil-ħarġa ta' dan il-programm tas-sena d-dieħla.

Il-festa t-tajba lil kulħadd.

